# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 49

L-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2017

Il-Kunsill Lokali L-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-6.30 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Deputat Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**25 ta' Jannar, 2017**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 49.00 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**49.0.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji

## 49.1 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-48

**49.1.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti u tal-laqgħa pubblika kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 49.2 Punti mqajma mill-Minuti

**49.2.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 49.3 Korrispondenza

**49.3.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva Numru 5A/2016 – Irtirar ta' Direttiva Numru 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha.

**49.3.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva Numru 1/2017 – Accounting Treatments ta' Assi Fissi (Non-Current Assets).

**49.3.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 1/2017 – Funzjoni dwar iż-Żamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq.

**49.3.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 2/2017 – Tqeghid ta' CCTV Cameras f'Latrini Pubbliċi.

**49.3.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 3/2017 – Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Twaqqif tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Nomenklatura ġdida għad-Direttur (Gvern Lokali).

**49.3.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 4/2017 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja

**49.3.07** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 50/2016 – Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq.

**49.3.08** Kjarifika għaċ-Cirkulari 50/2016 Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq.

**49.3.09** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali L-Għasri

**49.3.10** Ittra mill-Heritage Malta dwar il-Mużew t'Għawdex. Ill-Kunsill ġie mistieden biex jaħtar persuna biex jagħti dettalji dwar l-istorja tar-raħal. Il-Kunsill nnomina lil Lino Xerri għal dan il-għan.

**49.3.11** Email mingħand il-Perit Edward Scerri dwar il-"Restoration Grant Scheme".

**49.3.12** Local Government Association –Laqgħa nformattiva dwar M4.3 – Funds for Rural Roads.

**49.3.13** Email mingħand Roberta Kostov dwar l-Iskema "Irrestawra Darek" Il-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiksib aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

## 49.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

**49.4.01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Rita Mifsud Attard ġiet maħtura mal-Kunsill ta' L-Għasri minn nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar. Is-Sindku ssuġġerixxa li jibda l-proċess biex jiġi maħtur Segretarju Eżekuttiv kemm jista jkun malajr u dan għaliex id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma tistax tkun fl-uffiċċju *full time* peress li din hija mpjegata *full time* mad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Is-Sindku ta' merħba lis-Sinjura Rita Mifsud Attard u rringrazjaha talli aċċetat din il-kariga.

## 49.5 Performance Bonus

**49.5.01** Il-Kunsill approva l-performance bonus bir-rata ta' 10% tas-Segretarju Eżekuttiv Ruben Cassar.

## 49.6 Rapporti

**49.6.01** Ftehim mal-Green MT. Il-Kunsill approva l-ftehim ta' Ġbir ta' Skart Riċiklabbli għal perjodu ta' sentejn (2) sal-31 ta' Diċembru 2018.

## 49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**49.7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-049 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 49.9 Materja oħra

**49.9.01** Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta li jsir xi ftehim mal-Kunsill Lokali L-Għarb dwar l-użu tac-CCTV minħabba l-problemi ta' "dumping" fil-wied il-Mielah.

**49.9.02** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kellu talba mingħand is-Sur Brian Mizzi biex issir gandott għall-ilma tax-xita fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri. L-istima għal dan ix-xoħgol huwa ta' madwar €1,000. Il-Viċi Sindku ddikjarja li għandu nteress pekunjarju u għalhekk ma ma ħax sehem f'din id-diskussjoni. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ma qablitx li jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsillieri Frankie Formosa u Joseph Farrugia lanqas qablu li jsir dan ix-xogħol. Għalhekk dan il-gandott ma giex approvat biex issir mill-Kunsill.

**49.9.03** Il-Kunsill irċieva talba sabiex jikkollabora ma' Mariano Gauci biex itella' wirja tal-Gimgħa l-Kbira. Il-Kunsilliera qablu unanimament sabiex jieħu sehem f'din l-attivita li tagħmel ġieħ lir-raħal. Approva s-somma ta' €100 biex tkopri parti mill-ispejjez tal-printing.

**49.9.04** Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar periklu li hemm fil-kanal għall-ilma tax-xita fi Triq Wied Sara. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ b'urġenza biex jitneħħa kull periklu. Ix-xogħol ser issir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

**49.9.05** Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Ruben Cassar ta' dawn l-aħħar snin ta' ħidma. Kienu snin ta' suċċess, improvamenti u suċċessi anke finanzjarji. Is-Sindku awgura suċċess lil Ruben fil-kariga ġdida tieghu. Ruben Cassar irringrazzja lill-Kunsill tal-fiduċju li jrew fih.

**49.9.06** Il-Kunsillier Joseph Farrugia ġibed l-attenzjoni dwar Triq il-Ġonna u staqsa meta ser jibda x-xogħol. Is-Sindku qal li qiegħed f'kuntatti mal-perit tal-Kunsill sabiex issir "recreational area" f'dawn l-inhawi wkoll. Għalhekk it-twessiegħ ta' Triq il-Ġonna jiġi issir ma dan il-proġett, meta niksbu fondi għal dan il-għan.

**49.9.07** Is-Sindku semma l-bżonn li titwessa Triq Wied L-Għasri, il-parti ma gemb il-knisja.

## 49.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**49.10.01** Il-laqgħa intemmet fit-8.15p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2017 fis-7.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Frar, 2017

| | |
|---|---|
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |